MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Numru 26/2012

Att ta’ Akkuża numru 26/2012

Ir-Repubblika ta’ Malta

kontra

Clive Farrugia

Illum, 3 ta’ Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuza numru sitta u ghoxrin (26) tas-sena elfejn u tnax (2012) pprezentata fil-konfront ta' Clive Farrugia, detentur tal-karta tal-identita` numru 85985M, fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta :

Illi fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am), il-Pulizija tad-Distrett tal-Bormla ġew infurmati b'telefonata mill-emerġenza tal-Isptar Mater Dei li kien għadu kif seħħ *stabbing* ġewwa Triq San Lazru, Bormla, u li kien hemm xi persuni li ġew feruti b'mod gravi. Irriżulta li waħda minn dawn il-persuni senjatament Mary Grace Vella iddaħħlet l-isptar u kienet fil-periklu tal-mewt u dan minħabba l-ġrieħi li kienu ġew inflitti fuqha minn Clive Farrugia *qua* l-akkużat f'dawn il-proċeduri permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta.

Illi mill-investigazzjoni u mill-fatti jirriżulta li, l-akkużat kellu relazzjoni għal xi żmien ma' Mary Grace Vella li tiġi bint Maria Theresa Vella u minn liema relazzjoni twieled wild. Jidher illi dakinhar tat-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) l-akkuzat kien mar fir-residenża ta' Maria Theresa Vella u ta' Mary Grace Vella sabiex jara lill-ibnu. Mill-investigazzjoni rriżulta li l-akkużat kien għadu interessat f'Mary Grace allavolja r-relazzjoni bejniethom kienet intemmet u din ta' l-aħħar kienet bdiet relazzjoni ma persuna oħra. Madwar siegħa wara li l-akkużat kien qed jilgħab ma ibnu u kien sarlu l-ħin biex jitlaq hu avviċina lil Mary Grace Vella sabiex jagħnnaqha fejn hi talbitu sabiex ma jagħnnaqiex u ppruvat tfehmu li bejniethom kien spiċċa kollox. F'daqqa waħda l-akkużat ħareġ sikkina li kien qed iġorr fil-basket tiegħu u, dolożament, bil-ħsieb li joqtolha jew li jqegħdilha ħajjitha f'periklu ċar, l-akkużat beda jtiha diversi daqqiet bis-sikkina fuq ġisimha kollu, partikolarment f'saqha, fuq sidirha, fuq wiċċha, idejha u saqajha. Irriżulta filfatt li kienet subiet tmienja u għoxrin (28) daqqa b'kollox b'din is-sikkina.

Illi fortunatament filwaqt tal-aggressjoni kien hemm omm (Maria Theresa Vella) u ħu (Joseph Vella) l-vittma fl-istess residenża fejn dawn entrambe intervjenew sabiex jassistu lill-vittma Mary Grace Vella u dan billi ppruvaw jikkontrollaw lill-akkużat filwaqt li jiddefendu lill-imsemmija vittma. In oltre, wara li Joseph Vella rrnexxielu jikkontrolla lill-akkużat Clive Farrugia, Mary Grace ttieħdet immedjatament l-isptar wara li ġiet imsejjħa l-ambulanża fejn effettivament ġiet iċċertifikata li kienet fil-periklu tal-mewt. Madankollu grażżi għall-kuraġġ ta' ħuha Joseph Vella u ta' ommha Maria Theresa Vella kif ukoll għall-kuri li ngħatawlha l-isptar, u allura għall-raġunijiet indipendenti u aċċidentali mir-rieda tal-imsemmi Clive Farrugia, Mary Grace Vella ma tilfitx ħajjitha.

Illi b'għemilu l-imsemmi Clive Farrugia sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Mary Grace Vella) jew li jqiegħed il-ħajja

tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Clive Farrugia, ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn tletin sena ħabs (30), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>Fejn l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:</u>**

Illi fl-istess ċirkostanzi mertu tal-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am), rriżulta li minħabba l-aggressjoni li kienet qed tissubixxi Mary Grace Vella, ommha, ċioe Maria Theresa Vella mara ta' tnejn u sittin sena (62) sena, marret tiddefendi lill-bintha mid-daqqiet li kien qed itiha l-akkużat bis-sikkina li hu stess kien daħħal fir-residenza in kwistjoni. Fil-pront l-akkużat, dolożament, bil-ħsieb li joqtolha jew li jqegħdilha ħajjitha f'periklu ċar, beda jagħti diversi daqqiet ta' sikkina lil Maria Theresa Vella u dan anki filwaqt li hi ppruvat taħrab minnu. Filfatt hi ssubiet daqqiet ta' dan l-istrument f'diversi partijiet ta' ġisimha senjatament f'dahra, f'wiċċha u fuq spallejha tal-lemin. Sfortunatament, allavolja Maria Theresa Vella ġiet assistita immedjatament mill-paramediċi, hi mietet ftit tal-mumenti wara u dan kaġun ta' dawn id-daqqiet li kienu ppenetraw fil-pulmun tad-defunta u li kienu ġew inflitti fuqha dolozament mill-akkużat Clive Farrugia bl-intenzjoni li joqtolha jew li jipperikolalha ħajjitha.

Illi b'għemilu l-imsemmi Clive Farrugia sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Marie Therese Vella) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Clive Farrugia, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs, skond

dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>Fejn l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta:</u>**

Illi fl-istess ċirkostanzi mertu tal-ewwel żewġ Kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am), rriżulta li Joseph Vella, ħu Mary Grace Vella, kien rieqed f'kamra tas-sodda bil-bieb magħluq fl-istess residenza u sular il-fuq tal-istess residenża fejn kienet qed issir l-aggressjoni mill-akkużat fuq oħtu u ommu. Filfatt hu kien qam kaġun tal-għajjat sfrenat ta' oħtu Mary Grace u ta ommu Maria Theresa waqt li kienet qed isseħħ din l-aggressjoni u mar jindaga biex jara x'kien qed jiġri. Jidher illi pprova jaċċedi għal fejn kienu oħtu u ommu mill-bieb tas-salott iżda dan kien issakkar u filfatt kellu juża l-forza sabiex jiftaħ il-bieb in kwistjoni. Malli rnexxielu jiftaħ il-bieb hu sab lill-akkużat jaggredixxi lill-oħtu filwaqt li din ta' l-aħħar kienet qed tipprova tisġiċċa minn din l-aggressjoni. Minħabba f'hekk Joseph Vella, mar jiddefendi lill-oħtu, u l-akkużat, in vista ta' dan u dolożament, bil-ħsieb li joqtlu jew li jqegħdlu ħajtu f'periklu ċar, ħebb għall-imsemmi Joseph Vella bis-sikkina li kien qed juża f'dak il-mument kontra l-persuna ta' Mary Grace u Maria Theresa Vella u taħ xi daqqiet biha. Filfatt Joseph Vella sofra ġrieħi gravi kkaġunati minn din l-arma bil-ponta, liema ġrieħi ġew ikkaġunati kemm waqt li l-akkużat kien qed jaggrediħ kif ukoll waqt li kien qed jiddefendi lilu nnifsu mid-daqqiet li kien qed itiħ l-akkużat.

Illi fortunatament Joseph Vella, irnexxielu jirrezisti l-aggressjoni u jikkontrolla l-aġir aggressiv tal-akkużat, u safrattant irnexxielu wkoll issejjaħ għall-għajnuna meħtieġa, u dan kollu indipendetement mir-rieda jew mill-volonta tal-akkużat Clive Farrugia li kien ħebb għalih volontarjament u b'intenzjoni ċara li joqtlu jw jipperikolalu ħajtu bl-użu tal-arma bil-ponta. Li kieku Joseph Vella ma rreaġixix bi prontezza kif għamel, din l-aggressjoni setgħet kella konkluzjoni differenti.

Illi b'għemilu l-imsemmi Clive Farrugia sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Clive Farrugia, ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi

ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn tletin sena ħabs (30), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Fejn l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ippremetta:**

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel tlett kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe' fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am) ġewwa l-Bormla, jirriżulta li l-akkużat Clive Farrugia, kellu strument li jaqta jew bil-ponta senjatament sikkina fil-pussess tiegħu u dan waqt li dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Mary Grace Vella, Maria Theresa Vella u Joseph Vella f'periklu ċar, aggredihom ilkoll fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti u fejn għamel tentattiv fuq il-ħajja ta' Mary Grace u Joseph Vella u effettivament ikkaġuna l-mewt ta' Maria Theresa Vella. Fil-mument ta' dawn id-delitti, l-akkużat kellu fuq il-persuna tiegħu din is-sikkina meqjusa bħala arma regolari ai fini tal-liġi tagħna, u liema arma ġiet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmija delitti volontarji kontra l-persuna ta' Mary Grace, Joseph u Maria Theresa Vella.

Illi b'għemilu l-imsemmi Clive Farrugia sar ħati talli, fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra l-persuna u/jew fil-waqt li qed jiġi arrestat għal delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Clive Farrugia, ħati talli, fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra l-persuna u/jew fil-waqt li qed jiġi arrestat għal delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a)(b) ta' L-Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 23, 64(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemi akkużat.

**Fejn l-Avukat Generali fil-Ħames Kap ippremetta:**

Illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioe' nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am) ġewwa l-Bormla, l-akkużat Clive Farrugia, kellu f'idejħ sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr ma' kien debitament liċenżjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa filfatt ġar l-arma fil-baskett tiegħu u għamel użu xjenti u maħsub minn din is-sikkina permezz ta' liema kkaġuna diversi ġrieħi gravi fuq il-vittmi kollha, li fil-każ ta' Maria Theresa Vella kienu ġrieħi ta' natura fatali.

Illi b'għemilu l-imsemmi Clive Farrugia sar ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Clive Farrugia ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mija u sittax–il Euro u sebgħa u erbgħin ċentenżmu (€116.47) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi (Kap 480), u l-artikoli 23, 30 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

__**Fejn l-Avukat Generali fis-Sitt Kap ippremetta:**__

Illi preċedentement għall-akkadut li seħħ fit-8 ta' Mejju 2009 u li jifforma l-mertu tal-ewwel ħames kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta mill-investigazzjonijiet li fis-sitta (6) ta' Mejju 2009, l-akkużat Clive Farrugia kien segwa lil Mary Grace Vella filwaqt li kienet fil-kumpanija tal-maħbub tagħha Kevin Pace fejn hu avviċinhom u ħebb għal Kevin Pace. L-akkużat ġie nnutat li kellu xi ħaġa fil-but u sussegwentement hu ammetta mal-pulizija li kellu sikkina fuqu, li rrizultat li kienet l-istess sikkina li eventwalment intużat fid-dellitti mertu tal-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża. Irriżulta allura li l-akkużat kellu arma bil-ponta barra fit-triq u ma rriżultax li kellu liċenzja tal-Kummissjarju tal-Pulizija sabiex iżomm din l-arma b'dak il-mod u skond il-liġi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Clive Farrugia sar ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Clive Farrugia ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mija u sittax–il Euro u sebgħa u erbgħin ċentenżmu (€116.47) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi (Kap 480), u l-artikoli 23, 30 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>Fejn l-Avukat Generali fis-Seba' Kap ippremetta:</u>**

Illi preċedentement għall-akkadut li seħħ fit-8 ta' Mejju 2009 u li jifforma l-mertu tal-ewwel ħames kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta mill-investigazzjonijiet li fis-sebgħa (7) ta' Mejju 2009, u ċioe lejliet il-ġrajjiet li seħħew fl-ewwel ħames kapi ta' din l-Att tal-Akkużat, l-akkużat Farrugia kien mar fir-residenża ta' Mary Grace Vella filwaqt li kienet fil-kumpanija tal-maħbub tagħha Kevin Pace fejn kellu l-intenzjoni iħebb għalihom malli joħorġu mir-residenża tagħha u ċioe minn Triq San Lazzru fil-Bormla. Madankollu hu iddeċieda li ma jkomplix fl-eżekuzzjoni ta' dan l-att peress li nnota li kien hemm il-vettura ta' ħu Mary Grace hemmhekk li allura indikat li kien hemm Joseph Vella fil-post. Skond dak li stqarr l-akkużat hu kien qed iġorr is-sikkina u sussegwentement hu ammetta mal-pulizija li kellu sikkina fuqu, liema sikkina irrizultat li kienet l-istess sikkina li intuzat ai fini tad-dellitti li jifformaw il-mertu tal-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkużat. Irriżulta allura li l-akkużat kellu arma bil-ponta barra fit-triq u ma rriżultax li kellu liċenzja tal-Kummissjarju tal-Pulizija sabiex iżomm din l-arma b'dak il-mod u skond il-liġi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Clive Farrugia sar ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Clive Farrugia ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mija u sittax–il Euro u sebgħa u erbgħin ċentenżmu (€116.47) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi (Kap 480), u l-artikoli 23, 30 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Fejn l-Avukat Generali fit-Tmien u l-Aħħar Kap ippremetta:**

Illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' bejn is-sitta (6) u t-tmienja (8) ta' Mejju 2009, fil-Bormla u ġewwa Ħaż-Żabbar, l-akkużat Farrugia ġab ruħu b'tali mod li infastidixxa lil Mary Grace Vella u dan minħabba l-ossessjoni li kellu fil-konfront tagħha. Effettivament hu kien qed issegwiha b'mod xjenti kull fejn tmur partikolarment meta' kienet tkun fil-kumpanija ta' Kevin Pace li kien il-maħbub tagħha f'dawk iż-żminijiet. Indubjament dan l-aġir ikkawża fastidju konsapevoli da parti tal-akkużat fil-konfront ta' Mary Grace kif ukoll ta' Kevin Pace sal-punt li dan ta' l-aħħar kien irraporta dawn l-inċidenti lill-pulizija eżekuttiva.

Illi b'għemilu l-imsemmi Clive Farrugia sar ħati talli, nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-Bormla u Ħaż-Żabbar fost postijiet oħra, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna/i oħra jew b'mod li kien jaf jew immissu jkun jaf li ikun qed jagħti fastidju lil dik/dawk il-persuna/i.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Clive Farrugia ħati talli, nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-Bormla u Ħaż-Żabbar fost postijiet oħra, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna/i oħra jew b'mod li kien jaf jew immissu jkun jaf li ikun qed jagħti fastidju lil dik/dawk il-persuna/i; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn xahar (1) u mhux aktar minn sitt xhur (6) jew ta' multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin Euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew ta' dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 251A(1)(a)(b)(2)(4) 222(1)(a), 202(h)(iv), 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 2(viii) tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika (Kap 481) tal-Liġijiet ta' Malta jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti tal-process, inkluz l-atti tal-istruttorja.

Rat il-fedina penali tal-akkuzat.

Rat ir-rikors kongunt pprezentat mill-Avukat Generali u l-akkuzat Clive Farrugia nhar is-26 ta' Novembru, 2014, fejn l-esponenti, iddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali u umilment talbu lil din il-Qorti li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Clive Farrugia ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal-perjodu ta' erbghin sena (40) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' hitja ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) u tal-Att dwar L-Armi (Kap. 480) u l-Att dwar il-Vjolenza Domestika (Kap. 481).

Rat illi l-akkuzat Clive Farrugia meta llum 3 ta' Dicembru, 2014, gie mistoqsi mir-registratur xi jwiegeb ghal-akkuzi dedotti kontrih, wiegeb illi huwa hati tal-akkuzi dedotti kontrih u kkonferma din l-ammissjoni anke wara illi l-Qorti tghatu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu.

Ghaldaqstat, in vista ta' din l-ammissjoni, tiddikjara lil l-akkuzat Clive Farrugia, hati talli:

1. Fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am), gewwa Bormla, ikkommetta tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Mary Grace Vella jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. Fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am), gewwa Bormla, ikkommetta omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Marie Therese Vella jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt;
3. Fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am), gewwa Bormla, ikkommetta tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Joseph Vella jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta'

omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

4. Fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am), gewwa Bormla, fil-waqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna u/jew fil-waqt li qed jiġi arrestat għal delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.
5. Fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am), gewwa Bormla, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.
6. Fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.
7. Fis-sitta (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.
8. It-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-Bormla u Ħaż-Żabbar fost postijiet oħra, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna/i oħra jew b'mod li kien jaf jew immissu jkun jaf li ikun qed jagħti fastidju lil dik/dawk il-persuna/i.

Ikkunsidrat,

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie iffurmat il-ġuri u li saret wara il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti tħoss li f' dan il-kaz partikolari għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula fis-26 ta' Novembru, 2014.

Din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 23, 30, 31, 41, 64, 202, 211, 251, 222 u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap 9), l-artikoli 6, 51, 55 tal-Att dwar l-Armi (Kap 480) kif ukoll l-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domsetika (Kap 481).

Tikkundanna lil ħati Clive Farrugia il-piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' erbghin (40) sena. Tikkundannah ukoll ihallas is-somma ta' sittax il-elf, mitejn u sitta u disghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (**€16,296.26),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------